MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 913/2011

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Leonard Cole (Id. 179569M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ mitejn u hamsa u sittin ewro u hamsa u disghin centezmu (€265.95) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma servizzi rezi lilu. U minkejja li gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-imghax u bl-ispejjes inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2751/11, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u sittin ewro u hamsa u disghin centezmu (€265.95), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------